MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2014

Numru 551/2014

Il-Pulizija

(Spettur Trevor Micallef)

vs

Mohamed Farhat O. Alahjal

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat detentur ta’ passaport Libyan nru. 814588 akkuzat talli nhar is-07 ta’ Gunju 2014 ghal habta tat-tlieta u kwart ta’ filghodu (03:15am) gewwa San Giljan u/jew f’dawn il-Gzejjer:

1. ikkommetta serq ta’ handbag tad-ditta Fokus li jiswa €250, €90 fi flus kontanti u credit cards u dokumenti personali liema serq huwa kkwalifikat bil-“valur” u bil-“hin” ghad-detriment ta’ Maria Micallef u/jew persuni ohra;

2. fl-istess data, lok hin u cirkostanzi xjentament, laqa ghandu jew xtara hwejjeg, li kienu misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentament, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghom jew imexxihom;
3. kiser il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 meta nhar is-6 ta' Gunju 2014 huwa gie misjub hati ta' reat u kkundannat mill-Qrati ta' Malta ghal helsien mill-arrest bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor matul il-perjodu ta' sentejn, liema sentenza, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

Rat il-verbal tal-udjenza tat-18 ta' Gunju 2014 li fiha l-imputat irregistra ammissjoni fuq liema insista anke meta l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat ghal kull bon fini n-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza sommarjament;

Ikkunsidrat:

Li fuq skorta tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu hati. Mhux ukoll tat-tieni imputazzjoni li hi in alternattiva.

Rat l-Artikolu 261(c), 267, 279(b) tal-Kap 9 u l-Artikolu 23 tal-Kap 446.

Tikkundannah sentejn prigunerija li qeghdha tissospendihom ghal erba snin mill-lum, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28 A tal-Kap 9.

Il-Qorti spiegat lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------